# IL-FEHMA TAL-ĦAJJA

ESSAY *ta'* M. AGIUS, *li ssemma b'tifħir fil-Konkors ta' l-Essays mniedi mill-Għaqda tal-Malti (Univ.) f'Settembru 1941*

IL-BNIEDEM jitwieled, igħix u fl-aħħar jmut. Fit-tfulija igħix ħajja ħielsa mill-ħsieb u t-tiġrib. Fiż-żgħużija jibda jaħseb għalih innifsu bit-tagħlim ta' xi sengħa, xjenza, jew tagħlim ieħor li bih ikun jista' jaqla' l-għajxien tiegħu. Fi żmien l-irġulija, ikun xi jkun l-istat tiegħu, huwa jgħix aktarx għal ħaddieħor ukoll b'xi fehma u idejal sakemm jasal fi żmien ix-xjuħija li twasslu sal-qabar.

Il-ħajja tal-bniedem titqassam fi tlieta: il-ħajja waħdu jew individwali; il-ħajja fid-dar jew familja; u l-ħajja fix-xirka jew soċjetà. Fil-ħajja waħdu, il-bniedem jaħseb u jgħix għalih innifsu. Fil-ħajja fid-dar jaħseb u jgħix għal xi ħadd ieħor ukoll, bħal ma huma l-missier, l-omm, il-mara u l-ulied, jew aħwa xebbiet li jkunu bagħhu d-dar. Fil-ħajja fix-xirka jkollu jaħseb ukoll fil-bnedmin l-oħra, f'nieshom u fil-għaqdiet tagħhom f'xirka waħda ta' bnedmin ħielsa, bil-ħlas tat-taxxi, bil-ħarsien tal-jedd u bl-imġiba tiegħu lejhom.

Kbira, nobbli u għolja l-aktar hija l-ħajja fix-xirka. Il-bniedem iħoss fih li għandu jgħix ma' oħrajn sew għall-hena u kemm għall-ħtieġa tiegħu. B'hekk il-ħajja fix-xirka tħallih jaħseb anqas fih innifsu u fil-għeżież tiegħu. Il-ħajja hi li wieħed jagħti u mhux li jieħu. Għalhekk il-bniedem igħix fid-dar, inissel l-ulied, sakemm naraw ix-xirka ta' ħafna wlied tgħix fis-sliem fi rħula u bliet f'għaqdiet ta' kull xorta li jsawru n-Nazzjon b'liġijiet għalih u mehdi fil-biedja, snajja' u l-kummerċ ma' xirkiet jew nazzjonijiet oħra. Li ma kienitx il-fehma li wieħed jagħti, ngħidu aħna l-ħelsien, kieku m'aħniex nitqabdu kontra l-qawwa għal ħelsien u hena li rridu naraw isaltnu mill-ġdid għal kulħadd.

Il-fehma tal-ħajja għal kull bniedem għandha tkun dik li jgħix għal ħaddieħor ukoll u għall-ħaqq u s-sewwa dejjem u kullimkien! Il-bniedem li ma jkunx ta' din il-fehma hu msejken u ta' min jibża' minnu. Bniedem bħal dan jibża' mhux biss mill-mewt imma saħansitra minn kull tbatija u sagrifiċċju żgħir, għaliex il-ħajja għalih hi biss li jieħu. Il-ħajja b'fehma li trid ir-risq u l-ġid ta' ħaddieħor tnissel fil-bniedem ferħ u sliem f'qalbu u fil-kuxjenza tiegħu ma' tul ħajtu kollha. Għan-nisrani fehma bħal din hija dmir u tnissel fih tama ta' hena u sliem f'ħajja oħra li ma tintemm qatt. F'ittra lill-Kardinal Langerrieux fis-6 ta' Jannar, 1896, il-Papa Ljun XIII kiteb hekk: "Hu għall-Insara

d-dinja li jagħtu bidu f'dak kollu li hu tassew progress soċjali u li jkunu l-kampjuni tal-ħaqq u taċ-ċiviltà nisranija."

Il-bniedem li quddiem il-moħqrija u n-nuqqas ta' ħaqq ma jitqanqalx jew li quddiem il-ħażin jibqa' bla jagħmel li jista' għar-rebħ tas-sewwa, juri li ma jħossx bħala bniedem li għandu ruħ li tifhem, moħħ li jaħseb u qalb li taf tħobb. Il-bniedem li d-delizzju tiegħu huwa biss il-qligħ tal-flus u li jħobb imaqdar it-tħabrik ta' ħaddieħor f'xi ħaġa ta' ġid għall-maħqurin jew għal ġieħ tan-Nazzjon, juri li jgħix bil-ħobż biss mingħajr ma jduq ukoll il-hena u n-nobiltà li żżejjen u terfa' l-bniedem 'il fuq mill-bhejjem l-oħra. Ir-Re ta' l-Ingilterra Fredu l-Kbir kien igħid: "Sabbar lill-fqir, indokra u kennen lid-dgħajjef u b'ħiltek kollha sewwi dak li hu ħażin."

F'kull żmien u f'kull art għexu, ħadmu u mietu nies magħrufa li l-fehma tagħhom fil-ħajja kienet il-ġid lil kull bniedem u r-rebħ tas-sewwa u tal-ħaqq. Meta darba Frederik il-Kbir tal-Prussja ried lil Herr von Munchausen jegħlet fil-ħaqq, dan il-Ministru tal-Ħaqq wieġeb: "Isir b'rasi dak li trid il-Maestà Tiegħek iżda le mill-kuxjenza tiegħi!" Fi żmienna wkoll ħafna qegħdin jitqabdu u jmutu għaliex il-fehma tal-ħajja għalihom hija: is-sewwa, il-ħaqq, it-tajjeb u l-ħelsien għall-ġid u l-hena ta' kulħadd.